**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 2** **Nhar it-Tnejn d-29 ta ' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**
Neville Chetcuti
Conrad Borg Manche
Ralph Mangion
Tania Borg
Jessica Borg
Aaron Caruana
Joyce Bray
Martin Vella
Ryan Sciberras

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Neville Chetcuti, Ralph Mangion, Conrad Borg Manche, Tania Borg, Aaron Caruana, Joyce Bray, Jessica Borg, Ryan Sciberras u Martin Vella.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

2.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku Neville Chetcuti beda l-laqgħa b'talba.

2.1.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia qalet li ma rċeviet l-ebda ittra ta' apoloġiji mingħand il-Kunsilliera. Il-kunsilliera Tania Borg kienet preżenti għal-laqgħa b'mod virtwali.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 1 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

2.2.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Jessica Borg, issekondata mill-Kunsillier Conrad Borg Manche, il-minuti ta' laqgħa numru 1 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**2.3 Korrespondenza mis-Sindku**

2.3.1 Is-Sindku Neville Chetcuti irċieva email fuq 'Underwater Experience' fejn ser jagħtu free underwater experience. Għal dan talbu spazju ta' parking u spazju għal xi siġġijiet. Din ser issir ix-Xatt tal-Gzira. Ser jistaqsu għal iktar informazzjoni għax hemm xi mistoqsijiet fuqha.

2.3.2 Is-Sindku Neville Chetcuti qal li fejn il-Pixxina Nazzjonali ser jerġa' jkun hemm attività "The Chronology of Water". Din ser issir bil-lejl bejn l-10:00pm u s-2:00am. Is-Sindku qal ukoll li huma jafu li ser ikun hemm logħba tal-waterpolo dakinhar u avżati biex jieħdu ħsieb l-affarijiet huma.

2.3.3 Is-Sindku Neville Chetcuti ltaqa' mal-Uffiċjali ta' Transport Malta fuq xi road markings li ser isiru fi Triq Ir-Rebħa, fejn il-lukanda Grand Suites. Ser jiżdiedu żewġ MC spaces ta' 1.5m, spazju għal meta jiġi l-bowser tal-ilma bejn is-7:00am sas-6:00pm imbagħad dan l-ispazju jista' jintuża bħala parking mir-residenti fil-ħinijiet l-oħra, Emergency Exit tal-lukanda, alighting and unboarding, u double yellow lines faċċata tal-ispazju tal-bowser.

2.3.4 Il-ħanut tal-Master Cellar bagħat ritratt lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu bandiera tal-ħanut f'nofs il-bankina. Il-Kunsill ikkomunika mal-ħanut biex jispjegalu iktar fid-dettall fejn eżatt għax ir-ritratt mhux ċar.

2.3.5 L-għaqda Mount Carmel talbu s-servizz tal-fire engine EUR530 u EUR700 tal-imwejjed, siġġijiet, entertainment, PA system u armar tad-dawl. Il-Viċi Sindku Ralph Mangion jistaqsi jekk dawn kienux issemmew u tħallsu qabel. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy qalet li ser tiċċekja maghhom ghax jista jkun li min dak l amount hemm li kienu diġa tħallsu .

2.3.6 Intbagħtet talba biex issir Zebra Crossing u sleeping police fejn id-dar tal-anzjani li hemm f'Wied il-Kappara.

2.3.7 Tal-Cleansing qed jikkomunikaw mal-kunsilli fuq ftehim ġdid. Il-Kunsill staqsa għall-pakkett ta' servizz li jinkludi kenniesa, tbattil tal-bin, street cleaning bil-bowser, washing of bins etc. bl-ammont li diġa' jħallas il-Kunsill. Il-Kunsill ħa jqabbel u jara liema pakkett huwa l-aħjar.

2.3.8 Is-Sindku Neville Chetcuti jispjega li ser jibda jkun hemm Power wash permezz ta' bowser mal-Gżira kollha. Ser jibdew minn Triq Nazju Ellul, Turu Rizzio, Wied il-Kappara, Triq San Ġorġ, Luqa Briffa etc. Din ħa tibda fl-10 t'Awwissu fit-3:00am u ħa tiswa EUR240 kull darba. Is-Sindku ser jitolbu wkoll biex jaħsel il-bins tat-toroq ikkonċernati.

2.3.9 Is-Sindku javża li hemm żewġ tenders li għalqu; dik ta' Contracts Manager u ieħor tal-handyman. It-tender tal-handyman ħa jiġi rivedut għax ħareġ bħal ta' qabel. B'hekk ħa jerġgħu joħorġu tender bl-emendi. Applikaw tnejn min-nies imma fuq it-tender hemm ċertu affarijiet li jridu jiġu emendati. It-tender tal-Contracts Manager ser ikun hemm bord li jiġġiduka lil min ser jagħżlu.

**2.4 Mistoqsijiet mil-Kunsilliera**

2.4.1 Il-Kunsillier Ryan Sciberras jikkumenta rigward bozza fi Triq Manoel De Vilhena f'kantuniera partikolari fejn bħalissa għaddejja construction u filgħaxija qed ikun hemm id-dlam. Is-Sindku jispjegalu li jridu jaraw hemmx linja għaddejja u jekk is-sid jagħtix permess.

2.4.2 Il-Kunsillier Aaron Caruana ikkummenta li hemm xi residenti qed imorru jarmu ż-żibel tagħhom fi triq Cuschieri ma' Belvedere. Huwa qed jitlob li titweħħel tabella biex in-nies ma jarmux iż-żibel tagħhom hemmhekk.

2.4.3 Il-Kunsillier Aaron Caruana nkwetat fuq is-sigurta' fit-toroq fejn qed isir l-abbuż u vandaliżmu fuq il-karozzi pparkjati. Il-Kunsillier Martin Vella jissuġġerixxi li jitweħħlu l-kameras u jkunu mqabbda mal-LESA. Il-Kunsilliera talbu lis-Sindku biex ikollu laqgħa mal-Ministru Byron ħabba s-sigurta'. Il-Kunsillier Aaron Caruana jikkumenta li jixtieq li l-lokalita' jkollha għassa u li r-residenti għandhom ikunu jafu għaliex l-għassa li hemm hija magħluqa.

***Telefonata mal-accountant***

Management Letter – id- Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy ċċemplet lill-accountant dwar il-management Letter . Awdituri jibgħatu din l-ittra meta titlesta l-audit. Il-Kunsill tal-Gżira għandu bżonn jiġi rrikonċiljat bejn ir-reġistru tal-fixed assets u l-financial statements li ġew approvati ta' kull sena mill-Kunsill. Huma qed jipproponu eżerċizzju fejn ikun hemm rikonċiljazzjoni bejn l-inventarju u l-financial statements u dak li għandu x'jaqsam bħala fixed assets. Huwa jisseġġerixxi li din għamndha tiġi kkunsidrata ħalli l-kunsill ikollu lista korretta ta' inventarju ta' x'għandu l-Kunsill. L-accountant semma EU150,000 flus li l-Kunsill irċeva mir-Reġjun Ċentru fejn il-Kunsill irid jara fejn ħa jonfoqhom.

2.4.4 Il-Kunsilliera Tania Borg tikkummenta kif l-Eko-Skola fl-iskola tal-Gżira m'hemmx. Hija bagħtet il-presentation ta' x'inhi u x'tirrikjedi.

2.4.5 Il-Kunsilliera Joyce Bray għaddiet ilment minn residenti li joqgħod fi Triq Luqa Briffa fejn hemm xifer ta' bankina mkisser u l-kanna qed toħroġ. Is-Sindku jħeġġeġ li meta jisimgħu ilmenti hekk, javżaw lir-residenti li jistgħu jċemplu lill-Kunsill u l-handyman imur jaraha.

2.4.6 Il-Viċi-Sindku Ralph Mnagion jgħid li ser isir BBQ tal- football fit-2 t'Awwissu u qed jitolbu EUR800. Tinħoloq diskussjoni u qbil li għandu jkun hemm budget imwarrab għal dawn l-attivitajiet.

2.4.7 Il-Kunsilliera Jessica Borg kellha meeting tar-Reġjun tal-Kultura. Is-sena d-dieħla se jsir is-Summer Festival u l-fondi biex iduru l-faċċata tal-Knisja. Fl-1 ta' Settembru r-reġjun ħa jorganizza Luzzu Tour. Dan ser jibda mill-Pieta', l-Imsida, il-Gżira u jieqfu jew Tas-Sliema jew San Ġiljan. Kull stop ħa jagħmlu xi ħaġa. Hija tixtieq li jdaħlu t-talent tal-Gżira u jkantaw waqt din l-istop.

**2.5** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Is-Sindku Neville Chetcuti saqsa fuq pagament tal perit Joe Bugeja ghaliex id-deskrizzjoni taghha mhux imnizzla tajba. Il-Kunsillier Aaron Caruana ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Kunsilliera Joyce Bray issekondah.

## 2.5 Tmiem tal-laqgħa

2.5.1 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas-6:15p.m. Is-seduta li jmiss se tkun aggornata għal nhar us-26 t'Awwissu.

Konfermati llum 29 ta' Lulju 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Neville Chetcuti | Is-Sa. Mandy Farrugia |
| Sindku | Deputat Segretarju tal-Eżekutiv |